MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 71/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joe Cardona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joe Cardona talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar xhur naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-24 ta’ Frar 1993 meta kien ikkundannat ghal multa ta’ Lm100 u ordnat sabiex inehhi fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza, it-twaqqiegh ta’ l-imsemmi kostruzzjoni f’Tal-Providenza limiti tas-Siggiewi taht penali ta’ Lm25 kuljum fin-nuqqas. Ghalhekk intalbet il-kundanna ghal hlas ta’ Lm13,600 bhala penali mill-25 ta’ Mejju 1993 sat-18 ta’ Novembru 1994;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Frar 2007 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 63(2) provisos (i) u (ii) ta’ l-Att Numru I tas-sena 1992, l-artikoli 16, 17 u 17(8)(5) tal-Kap. X tal-Ligijiet ta’ Malta li tahthom kien misjub hati fis-sentenza ta’ l-24 ta’ Frar 1993 u li ghadhom iregu ghal dawn il-proceduri stante l-artikolu tranzitorju msemmi, sabet lill-imsemmi Joe Cardona hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu jhallas il-penali mitluba ta’ Lm13,600 tal-perijodu bejn il-25 ta’ Mejju 1993 u t-18 ta’ Novembru 1994. Inoltre l-ewwel Qorti ddikjarat ai fini tas-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 17 tal-Kap. X li l-multa hija dejn civili u ghandha tithallas lid-Dipartiment tax-Xoghlijiet;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joe Cardona pprezentat fit-22 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentament tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) ma giex ippruvat li s-sentenza invokata hija sentenza finali u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellant; (2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma jaqbilx mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti li hu ma ottemperax ruhu ma’ l-ordni tal-Qorti moghtija fis-sentenza ta’ l-24 ta’ Frar 1993.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant isostni illi l-prosekuzzjoni kellha tipprova li s-sentenza invokata hija finali billi ggib prova dwar jekk giex intavolat appell. L-appellant jghid illi huwa ddefenda ruhu billi wiegeb li mhux hati. Ghalhekk kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li

tipprova l-kaz taghha, inkluz li s-sentenza minnha msemmija hija dik finali.

Din il-Qorti ma taqbilx. Il-prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha precizament fuq is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Frar 1993, kopja ta’ liema tinsab esebita a fol. 5 – 7 tal-process. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar jekk dik is-sentenza kinitx *res judicata* tul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Inoltre mill-fedina penali aggornata esebita b’ordni ta’ din il-Qorti insibu l-konferma li fil-fatt tali sentenza ma gietx appellata peress illi hija s-sentenza msemmija ta’ l-24 ta’ Frar 1993 li hija citata.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

It-tieni aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi peress illi permezz ta’ dan l-aggravju l-appellant jilmenta dwar il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Huwa jghid:

“(1) Ghalkemm il-proposal fuq il-permess bin-numru 1818/92 li nhareg fl-1 ta’ Lulju 1993 (Dok. RLF/JC/4) (u cioe` 36 jum wara t-terminu li fih kellu jottempera ruhu mal-ligi) kienet taqra: *‘To construct 26 x 5m2 (metres squared)* ***store*** *within an 11 courses high boundary wall to serve as an extension to an already existing wine press’*, dan il-permess jaqra: ‘*Approval is for the* ***existing garage*** *only’*, haga li hija inspjegabbli u dan minhabba l-fatt illi fl-ewwel lok il-proposal ma kinitx ghal *‘garage’* imma kienet ghal *‘store’*, u fil-fatt f’dan ir-rigward il-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu qal illi din il-haga *‘ma taghmilx sens ghaliex il-bini li kien propost mill-applikant ma kienx garage’*. Fit-tieni lok, il-*‘garage’* in kwistjoni, li jidher immarkat bhala *‘garage/store/wine-press’* fil-kantuniera tal-fond kif murija fil-pjanta (RLF/JC/5) annessa ma’ l-istess permess, kien gia` kopert bil-permess mahrug fid-9 ta’ Marzu 1990. Mehuda in konsiderazzjoni dawn iz-zewg fatti, flimkien mal-fatt illi l-applikant kien mitlub sabiex ihallas il-*‘contribution’* wasslu lill-perit tieghu Renato La Ferla sabiex jikkonkludi li l-permess ma setax jinterpretah

mod iehor hlief li kien akkordat lill-appellant kif mitlub u ghalhekk qal lill-appellant li kien klijent tieghu li seta' jmur u jibni kif fil-fatt ghamel ghax kien regolarment kopert bil-permess.

"(2) Fir-rigward tal-hzuz u l-kliem *'deleted'* fuq il-pjanta RLF/JC/5 annessa mal-permess hawn fuq riferit, irid jinghad illi din il-pjanta tat lok ghal diversi interpretazzjonijiet u fil-fatt giet deskritta bhala *'ambigwa'* u *'konfuzjonali'* mill-perit tekniku, pero` cio` nonostante fl-umli opinjoni tar-rikorrent din il-pjanta trid tigi intepretata biss fis-sens illi l-bini in kwistjoni gie ssanzjonat bil-permess ta' l-1 ta' Lulju 1993 u dan ghaliex, fl-ewwel lok, b'referenza ghall-affidavit tal-perit Renato La Ferla, l-imsemmi perit spjega illi : *'bejn meta applikajt originarjament u meta nhareg il-permess, jiena qatt ma mort ghand il-P.A.P.B./Awtorita` ta' l-Ippjanar u f'xi mod iffirmajt ghal xi modifika fuq xi pjanta biex inbiddel it-talba originali, u illi ,konsegwentement meta hareg il-permess, jiena kelli ta' bilfor ghax nifhem li dan kien intiz li jkopri dak li jien tlabt ghalih, u mhux xi haga ohra li seta' talab ghaliha, jew kien bena, haddiehor, u dan peress li d-dikjarazzjoni minni ffirmata, kontenuta fl-applikazzjoni tirrendini responsabbli ghald ak li nkun tlabt jien li rrid naghmel u certament mhux ghal dak li ried jaghmel, jew attwalment ghamel, haddiehor.'* B'hekk il-hzuz u l-kliem mizjuda fuq il-pjanta redatta mill-perit Laferla ma kinux maghmula minnu jew wisq anqas bl-approvazzjoni tieghu, u ghalhekk gie mimsus dokument ufficjali minghajr l-firma mehtiega tieghu.

"Fit-tieni lok, irid jinghad ukoll illi l-perit tekniku kien innota fir-relazzjoni tieghu illi l-hzuz u l-kliem *'deleted'*: ***'forsi kienu saru meta l-applikazzjoni kienet giet rifjutata l-ewwel darba.'*** L-ambigwita pero` ma waqfitx hemm ghaliex fuq l-istess pjanta tidher maqtugha l-kelma *'Bedroom 1'* u minflokha nkitbet il-kelma *'store'*, u inoltre, fuq il-permess ta' l-1 ta' Lulju 1993 (Dok. RG1) jidher maqtugh bil-kitba n-numru '2' tan-numru '26'. Ghalhekk fid-dawl ta' dawn l-amigwitajiet u tal-fatti l-ohra kollha hawn fuq imsemmija, u cioe` li nhareg il-permess fl-1 ta' Lulju 1993 u li l-applikant kien intalab ihallas ghall-

*‘contribution’*, wasslu lil perit tal-appellant sabiex jifhem illi l-permess kien inhareg regolarment u l-bini in kwistjoni gie ssanat ;

“(3) Fir-rigward tar-*refusal* ghar-*‘reconsideration’* datata 27 ta’ Jannar 1995, irid jinghad biss illi din ir-*refusal* ghar-*‘reconsideration’* tirreferi b’mod car ghall-ewwel *refusal* tat-8 ta’ Ottubru 1992 u mhux ghall-permess li nhareg fl-1 ta’ Lulju 1993.

“Huwa fid-dawl tas-suespost illi l-perit tekniku mqabbad mill-Qorti diversament ippreseduta wasal ghall-konkluzjoni fil-paragrafu 21 tar-relazzjoni illi: *‘peress li wara li kienet inghatat is-sentenza fl-24 ta’ Frar 1993 inhareg il-permess datat l-1 ta’ Lulju 1994 [sic 1993], jidher li waqt li l-multa ta’ Lm100 kellha xorta tithallas mill-imputat, dan spicca ottempera ruhu mal-ligi, in linja mal-provvediment li kien hemm fl-istess sentenza ghax ha l-permess fl-1 ta’ Lulju 1994 [sic 1993], li permezz tieghu l-bini li kien tella’ gie ssanzjonat mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar.”*

L-ewwel Qorti ma qablitx mal-konkluzjoni tal-perit tekniku u qalet li **“la qed tara xi ambigwita` u lanqas ma qed tara raguni ghalfejn wiehed seta’ b’xi mod jghid li dan ‘il-permess’ issana dak li kien suppost twaqqa’ b’ordni tal-Qorti. Bil-maqlub jidher car li l-permess ma nharigx fuq il-parti fejn hemm *deleted*. Dan id-dokument ma jistax jinftiehem mod iehor. ”**

Issa, mill-atti jirrizulta li l-permess in kwistjoni nhareg wara seduta tad-Development Control Commission tal-21 ta’ Mejju 1993. Qabel ma l-appellant ircieva l-permess, il-perit tieghu, b’ittra datata l-1 ta’ Gunju 1993, talab lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar tirrikonsidra d-decizjoni li kienet hadet fil-21 ta’ Mejju 1993 *“when you refused to allow the erection of the accommodation indicated on his application of 9.4.92 at Tal-Provvidenza, in limits of Siggiewi.”* Jigifieri l-appellant kien diga` jaf li ma kienx se jinhariglu permess ghall-izvilupp li kien diga` in parti wettaq. Il-permess li nhareg fil-fatt gie limitat ghall-garaxx ezistenti: *“Approval is for the existing garage only.”* L-aspett konfuzjonali jinsab hawn. L-applikazzjoni ta’ l-appellant ma tidhirx li

kienet tirrigwarda l-garaxx ezistenti u ma nghatatx raguni ghaliex il-permess inhareg b’dan il-mod. Pero`, peress illi l-garaxx ga` ezistenti, kif anke kkonstata l-perit tekniku, ma nbeniex tal-forma u qies skond permess li kien inhareg fid-9 ta’ Marzu 1990 “probabbli minhabba l-allinejament tat-toroq”, x’aktarx illi l-Awtorita` kienet qed tissanzjona l-mod kif kien inbena l-garaxx imsemmi. Il-fatt li ntalbet rikonsiderazzjoni tad-decizjoni tad-DCC pero` ma thallix interpretazzjoni differenti tal-permess mahrug fl-1 ta’ Lulju 1993, cioe` li l-partijiet bil-kitba fuqhom *“deleted”* kienu eskluzi mill-permess. Effettivament it-talba ghar-rikonsiderazzjoni giet michuda mid-DCC u b’dan infurmat lill-appellant permezz ta’ ittra tas-27 ta’ Jannar 1995.

Kwantu ghall-ammont dovut bhala penali, giet mitluba s-somma ta’ Lm13,600 ghall-perijodu mill-25 ta’ Mejju 1993 sat-18 ta’ Novembru 1994. Ic-citazzjoni nharget fis-6 ta’ Ottubru 1994 u ghaldaqstant il-perijodu kellu jkun mill-25 ta’ Mejju 1993 sas-6 ta’ Ottubru 1994, perijodu ta’ 499 gurnata li bir-rata ta’ Lm25 kuljum jammonta ghal penali ta’ Lm12,475, illum ekwivalenti ghal €29058.93.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta’ penali ta’ Lm13,600 u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ penali ta’ disgha u ghoxrin elf u tmienja u hamsin euro u tlieta u disghin centezmu (€29058.93 – ekwivalenti ghal Lm12,475) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------